MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1248/2010

**GO plc (C 22334)**

***kontra***

**Waldonet Limited (C 19194)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-2 ta` Dicembru 2010 li kien mahluf minn Joseph Dimech u jaqra hekk –

*1. Jiena impjegat tas-socjeta` rikorrenti. Nokkupa l-kariga ta` Senior Manager u ghal kull buon fini nixhed illi ghandi r-rapprezentanza guridika tal-istess.*

*2. Illi bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata kienu saru diversi ftehim sabiex is-socjeta` rikorrenti tipprovdi servizzi varji ta` Electronic Communications, cioe` wiehed datat 1 ta` Jannar 2006 ghal 'Agreement for the Reselling of Services' (hawn anness u markat bhala Dok. GO1), iehor datat 7 ta` Marzu 2008 ghal 'Agreement for the provision of IP Transit Services' (hawn anness u markat bhala Dok. GO2), iehor datat 5 ta` Marzu 2004 relattiv ghal ATM services (hawn anness u mmarkat Dok. GO3) u iehor datat 1 ta` Gunju 2005 relattiv ghal Gigabit Ethernet Services (hawn anness u mmarkat Dok. GO4). Is-socjeta` intimata kienet qeghda wkoll tixtri servizzi ta` ADSL bl-imnut mis-socjeta` rikorrenti.*

*3. Illi s-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata kienu dahlu fi ftehim fit-30 ta` Dicembru 2008 fejn l-istess socjeta` intimata kkostitwit ruhha bhala debitrici ta` hlas cert, likwidu u li ghalaq ghal servizzi pprovduti mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata qabel id-data tal-istess skrittura, liema skrittura hija hawn annessa u mmarkata Dok. GO5.*

*4. Illi s-socjeta` intimata kienet inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghha u kienet moruza fil-hlasijiet minnha dovuti. Minhabba l-inadempjenza s-socjeta` intimata giet interpellata biex tirregola ruhha. Di piu, giet avzata illi f`kaz li tonqos li taghmel dan is-servizzi kienu ser jigu tterminati (ittra tal-21 ta` Ottubru 2010 mibghuta mill-konsulent legali tas-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata mmarkata bhala Dok. GO6). Minkejja dan is-socjeta` intimata xorta baqghet inadempjenti u ghalhekk fit-12 ta` Novembru 2010 dan is-servizz gie terminat b`effett immedjat. Ghalkemm saru dawn l-interpellazzjonijiet is-socjeta` intimata ghadha sal-lum ma*

*hallsitx l-ammont dovut b`konsegwenza illi kellha ssir din il-kawza.*

*5. Illi s-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta` sitt mija u hamest elef, tmien mija u tlieta u tletin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€605,833.29) (skond statement of account hawn anness u mmarkat Dok. GO7) dovuti ghas-servizzi minnha provduti lis-socjeta` intimata kif qabel imsemmi u mhux imhallsa kif ukoll ghall-ammonti mhux imhallsa u li issa huma dovuti a bazi tal-ftehim tat-30 ta` Dicembru 2008, u cioe` :*

*In kwantu ghas-somma ta` €344,110.23 fuq is-servizzi ta` "Reselling of Services" skond statement of account hawn anness u mmarkat Dok. GO8 ;*

*In kwantu ghas-somma ta`€209,958.90 fuq is-servizzi ta`"IP Transit and Routing Facilities", ATM services u Gigabit Ethernet services skond statement of account hawn anness u mmarkat Dok. GO9;*

*In kwantu ghas-somma ta`€2,856.03 fuq servizz ta`ADSL bl-imnut skond statement of account hawn anness u mmarkat Dok. GO10 ;*

*In kwantu ghas-somma ta` €48,908.13 li huma issa dovuti in kwantu s-socjeta` intimata kienet inadempjenti fi tlett hlasijiet a bazi tal-iskrittura ta` 30 ta` Dicembru 2008. L-ammont dovut huwa rifless fl-istatement of account hawn anness u mmarkat Dok. GO11.*

*6. Illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi kif qabel spjegat, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti ;*

*7. Illi ghalhekk il-kreditu tas-socjeta` rikorrenti fis-somma globali ta` €605,833.29 hu cert, likwidu u esegwibbli u sa fejn taf is-socjeta` rikorrenti, is-socjeta`*

*intimata ma ghandha l-ebda difiza valida opponibbli f`din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta` dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta` Joseph Dimech, ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, hawn anness bhala Dok. JD1.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta` intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :*

*1. Taghti s-sentenza u tilqa` t-talba tas-socjeta` rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167 – 170 tal-Kodici Civili ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta) u*

*2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas is-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta` €605,833.29 fuq imsemmija, dovuta kif intqal aktar il-fuq.*

*Bl-imghax mid-data tat-terminazzjoni tas-servizzi cioe` mit-12 ta` Novembru 2010 u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` intimata, li r-rappresentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-kumpannija konvenuta li kienet prezentata a tenur tal-Art 170(1) tal-Kap 12, flimkien mad-dokumenti li kienu annessi.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta` Jannar 2011 fejn, wara li ddikjarat ruhha sodisfatta li l-kumpannija konvenuta kellha eccezzjonijiet validi x`taghti kontra t-

talba attrici, akkordat lill-kumpannija konvenuta zmien ghoxrin (20) jum biex tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-3 ta` Frar 2011 li taqra hekk –

*1. Illi in linea preliminari dina l-Onorabbli Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta` dina l-vertenza stante li l-kuntratti li a bazi taghhom giet avvanzata t-talba attrici jistipulaw li vertenzi li joriginaw mill-istess kuntratti ghandhom jigu rizolti bis-sahha ta` arbitragg.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici ghandha tigi respinta stante li l-kuntratti li a bazi taghhom giet avvanzata l-azzjoni attrici jinkludu disposizzjonijiet li huma ntizi sabiex ixekklu l-kompetizzjoni gusta, tant li Waldonet Limited ilha snin li pprezentat varji lmenti formali f`dak ir-rigward mal-Ufficju dwar il-Kompetizzjoni Gusta sabiex issir id-debita investigazzjoni dwar dan a tenur tal-Att Dwar il-Kompetizzjoni (Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta` Malta). Fl-eventwalita` li jirrizulta li l-ilmenti ta` Waldonet Limited huma gustifikati, dan ghandu jwassal sabiex il-kuntratti li a bazi taghhom giet promossa dina l-azzjoni jitqiesu bhala nulli ipso iure skond l-istess Att, u dana apparti li l-GO plc tkun obbligata thallas lil Waldonet Limited id-danni sostanzjali li kkawzatilha bhala konsegwenza tal-agir abbuziv u persistenti taghha.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` attrici anke abbuzat mill-pozizzjoni dominanti taghha f`Malta f`mod lampanti fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettronika u partikolarment fis-settur tal-provizjoni tas-servizzi ta` l-internet fuq bazi wholesale u servizzi ohra relatati, kif ukoll iddiskriminat bejn il-varji internet service providers li kienu joperaw f`Malta, liema agir irreka danni konsiderevoli lis-socjeta` esponenti.*

*4. Illi stante li hemm ksur lampanti tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta` Malta dina l-Onorabbli Qorti ghandha tordna minnufih is-sospensjoni ta` dawna l-proceduri sakemm jigi maghruf l-ezitu finali ta` l-investigazzjoni li qieghda twettaq il-Kummissjoni ghal Kummerc Gust dwar l-ilment ta` Waldonet Limited koncernanti l-prattici anti-kompetittivi u abbuzivi tas-socjeta` attrici.*

*5. Illi ghalhekk ukoll dina l-kawza ta` GO plc hija intempestiva stante li GO plc ilha snin taf bl-ilmenti ta` Waldonet Limited koncernanti n-nuqqas ta` osservanza ta` l-ligi tal-kompetizzjoni, u ghalhekk ukoll hija qatt ma setghet tipprocedi b`dina l-kawza sakemm jigu determinati l-ilmenti ta` Waldonet Limited mill-Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust. Waldonet Limited widdbet inutilment kemm-il darba lil GO plc f`dan is-sens – ara per Dok. C1 u Dok. C2 esebiti flimkien man-nota lis-socjeta` esponenti pprezentat fl-atti ta` dina l-kawza fis-17 ta` Jannar 2011.*

*6. Illi Waldonet Limited ilha li ressqet l-ewwel ilment taghha mal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta sa mid-<u>9 ta` Marzu 2005</u> (Dok. A ezebit flimkien man-nota li s-socjeta` esponenti pprezentat fl-atti ta` dina l-kawza fis-17 ta` Jannar 2011), u minkejja sollecitazzjonijiet kontinwi u persistenti matul dawna s-snin kollha (Dok. D ezebit flimkien man-nota li s-socjeta` esponenti pprezentat fl-atti ta` dina l-kawza fis-17 ta` Jannar 2011) l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta naqas milli jipprocedi bl-investigazzjoni taghha, minkejja l-obligazzjonijiet legali mposti fuqha mill-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta` Malta. Inkredibilment kien biss recentement, senjatament bis-sahha ta` ittra datata 6 ta` Dicembru 2010 (Dok. E ezebit flimkien man-nota li s-socjeta` esponenti pprezentat fl-atti ta` dina l-kawza fis-17 ta` Jannar 2011), li d-Direttorat tal-Kompetizzjoni talab lil Waldonet Limited jipprovdilha l-informazzjoni hemm imsemmija a tenur tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*7. Illi sabiex wiehed jifhem l-import ta` l-lanjanzi ta` Waldonet Limited, jigi spjegat illi matul is-snin Waldonet Limited hallset lil GO plc aktar minn disa` miljun Euro (€9,000,000), li minn dina r-relazzjoni gawdiet f`mod esagerat biss u esklussivament il-GO plc, tant li Waldonet Limited, minkejja li amministrat in-negozju taghha b`ghaqal kbir, spiccat fi stat fejn giet reza f`qaghda li ma tistax topera aktar.*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit illi bhalissa hemm pendenti quddiem ic-Centru Malti tal-Artbitragg proceduri fl-ismijiet Waldonet Limited vs GO plc li permezz taghhom Waldonet Limited talbet li GO plc tigi kundannata thallasha s-somma komplessiva ta` €22,514.40, inkluz il-VAT, rapprezentanti kumpens dovut lilha a tenur tal-artikolu F6.1. tal-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti fis-7 ta` Marzu 2008, liema kumpens huwa dovut stante li s-Service Availability kif definit fl-imsemmi kuntratt ma giex milhuq bhala konsegwenza ta` hsara fis-Submarine Fibre utilizzat mill-GO plc ghall-provvista tal-istess servizz fix-xahar ta` Dicembru 2008.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta` Frar 2011.

Rat in-nota spjegattiva tal-kumpannija attrici prezentata fl-24 ta` Frar 2011 u d-dokument li kien esebit maghha.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti (fol. 8 sa 103) mal-att promotur tas-socjeta rikorrenti.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-23 ta` Mejju 2011 fejn laqghet it-talba tal-kumpannija konvenuta sabiex f`dan l-istadju tal-kawza tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha.

Semghet id-deposizzjoni ta` Jack Mizzi, Mario Cachia, Av. Simon Schembri, Aldo Calleja u ta` Tony Meilaq fl-udjenza quddiem tat-13 ta` Ottobru 2011.

Rat li l-gbir tal-provi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari kien konkluz fl-istess udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Provi rilevanti</u>

L-eccezzjoni preliminari li sejra tigi deciza llum taqra hekk –

*Illi in linea preliminari dina l-Onorabbli Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta` dina l-vertenza stante li l-kuntratti li a bazi taghhom giet avvanzata t-talba attrici jistipulaw li vertenzi li joriginaw mill-istess kuntratti ghandhom jigu rizolti bis-sahha ta` arbitragg.*

Dak li wassal ghal din il-kawza, meqjusa fl-assjem taghha, huma hames kuntratti bejn il-partijiet (f`ordni kronologiku) :-

1) Kuntratt dwar *ATM Services* datat 5 ta` Marzu 2004 (**Dok. GO3**).
2) Kuntratt dwar *Gigabit Ethernet Services* datat 1 ta` Gunju 2005 (**Dok. GO4**).
3) Kuntratt dwar *Reselling of Services* datat 1 ta` Jannar 2006 (**Dok. GO1**).
4) Kuntratt dwar *IP Transit Services* datat 7 ta` Marzu 2008 (**Dok. GO2**).
5) Kuntratt tat-30 ta` Dicembru 2008 (**Dok. GO5**) ghall-hlas ta` ammonti dovuti mill-kumpannija konvenuta lill-kumpannija attrici *for various services granted prior to the date of this agreement.*

**Tlieta biss minn dawn il-kuntratti jaghmlu riferenza specifika ghal klawsola arbitrali :-**

1) Fil-kuntratt **Dok. GO3** il-klawsola 12 rilevanti taqra hekk –

*1 Any dispute, controversy or claim arising out of relating to this contract, or the breach, termination or invalidity thereof,* ***shall*** *be settled by arbitration in accordance with the rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

*2 The administrator shall be the Malta Arbitration Centre.*

*3 Arbitration proceedings shall be commence as soon as a notice of arbitration is filed at the Malta Arbitration Centre by any one of the parties.*

2) Fil-kuntratt **Dok. GO4** il-klawsola 12.14 rilevanti taqra hekk –

*In the event that the Parties fail to resolve the dispute within fifteen (15) days from the date that either Party notifies the other in writing that the dispute has arisen, then either Party* ***has the right*** *to refer the dispute for arbitration in accordance with the rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

3) Fil-kuntratt **Dok. GO2** il-klawsola 22.3 rilevanti taqra hekk –

*In the event that the Parties fail to resolve the dispute within fifteen (15) days from the date that either Party notifies the other in writing that the dispute has arisen, then either Party* ***has the right*** *to refer the dispute for arbitration in accordance with the rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force, except for disputes that fall under the jurisdcition of a relevant authority.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Fin-nota spjegattiva taghha tal-24 ta` Frar 2011, il-kumpannija attrici tghid illi l-uniku kuntratt fejn l-arbitragg kien intiz bhala mandatorju kien dak markat **Dok GO3**. Abbazi ta` dak il-kuntratt, il-kumpannija attrici qeghda tirreklama €8,053.46 mill-ammont komplessiv pretiz fil-kawza ta` €605,833.

**Jack Mizzi** mill-kumpannija attrici xehed illi dik tal-arbitragg kienet *standard clause.* Meta tlesta l-kuntratt Dok GO1, kien hemm bidla fil-mod kif kienu jsiru l-kuntratti fis-sens illi kien deciz illi jew titnehha ghal kollox il-klawsola arbitrali jew fejn tkun introdott fil-ftehim ma tkunx obbligatorja izda tithalla fid-diskrezzjoni tal-partijiet jekk jirrikorrux ghall-arbitragg inkella le. Wara l-2004, ma

baqghetx prassi tal-kumpannija attrici li ddahhal il-klawsola arbitrali.

**<u>Av. Simon Schembri</u>** xehed illi hu kien beda jassisti lill-kumpannija attrici bhala avukat mill-2004. L-ewwel inkariku tieghu kien li jirrevedi l-kuntratti li kienet tuza l-kumpannija attrici. Huwa kien taha parir sabiex ma jkunx hemm rabta biex il-partijiet imorru bilfors arbitragg izda decizjoni tithallas fid-diskrezzjoni tal-partijiet. Il-klawsola tal-arbitragg mandatorju hija prezenti biss fil-kuntratt tal-5 ta` Marzu 2004 (Dok. GO3), izda fil-kuntratti l-ohra m`hemmx dik il-klawsola.

**<u>Aldo Calleja</u>** xehed illi ghall-kumpannija konvenuta huwa kien involut fin-negozjati qabel saru l-kuntratti, hlief ghal kuntratt Dok GO1. Ighid illi ghalkemm ma kienx jaqbel ma` dak il-kuntratt tal-ahhar huwa xorta wahda ffirmah billi ma setax jieqaf hesrem milli jipprovdi servizz lill-klijenti. Ghalhekk iffirma "*under protest*". F`dawn it-tip ta` kuntratti, huwa ried idahhal il-klawsola arbitrali ; fil-fatt meta kien hemm kwistjoni dwar il-kuntratt Dok GO2, il-kumpannija konvenuta kienet bdiet proceduri ta` arbitragg fic-Centru tal-Arbitragg.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Risultanzi</u>

L-**<u>Art 742 tal-Kap 12</u>** jirregola l-gurisdizzjoni tal-qrati taghna. Meta d-disposizzjoni kienet emendata bl-Art 283 tal-Att XXIV tal-1995 kienu introdotti *inter alia* s-subincizi (3) u (4) li jaqraw hekk –

*(3) Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta` arbitragg ikunu nbdew jew le, f`liema kaz il-qorti, bla hsara*

*ghad-disposizzjonijiet ta` kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u ghas- setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva.*

*(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta` arbitragg, il-qrati jistghu johorgu kull att kawtelatorju, f`liema kaz, jekk dik il-parti tkun ghadha ma ressqitx it-talba taghha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f`dan il-Kodici li fihom ghandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba ghandhom ikunu ta` ghoxrin jum mid-data tal-hrug tal-att kawtelatorju.*

Dwar l-Art 742(3) tal-Kap 12, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta` Mejju 1998 fil-kawza "**Camilleri vs Zammit noe**" qalet hekk –

***... il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-qorti ta` kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-qrati civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta` tali ftehim ta` arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta` atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi. Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kenitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta` klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-qrati civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika.***

(enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

(ara wkoll – fejn rilevanti ghall-kaz tal-lum – **“Malta Shipyards Ltd. vs VPJ Ltd”** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Novembru 2012).

Dan premess, ghandu jinghad illi in linea generali il-qrati taghna qiesu bhala validi klawsoli inseriti f`kuntratti li jeskludu l-gurisdizzjoni taghhom a favur ta` proceduri arbitrali u dan in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet (Appell Kummercjali : “**Vella vs Mamo noe**” : 13 ta` Ottubru 1994 ; u PA/FS : “**Grech vs Cutajar et**” : 1 ta` Dicembru 2008 fost ohrajn). Cio` nonostante, anke qabel l-emendi tal-1995, il-qrati taghna hadu linja fis-sens illi ghalkemm jirrispettaw dawk il-klawsoli arbitrali, il-qrati kellhom gurisdizzjoni konkorrenti bid-dritt li tissindaka l-ezekuzzjoni tal-klawsoli arbitrali (Qorti tal-Appell : “**Xuereb vs Accountant General**” : 28 ta` Frar 1997 ; u PA/GCD : “**Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited**” fost ohrajn). Bl-emendi tal-1995, dak li kien fil-prattika kien isir mill-qrati taghna sar ligi.

Huwa evidenti minn ezami tal-kuntratti illi fuqhom il-kumpannija attrici qeghda ssejjes l-istanza taghha illi klawsola arbitrali mandatorja kienet inserita biss fil-kuntratt markat Dok GO3. Abbazi ta` dak il-kuntratt wahdu, il-kumpannija qeghda tirreklama €8,053.46. Ghall-bilanc mill-ammont ta` €605,833 reklamat fil-kawza tal-lum, huwa daqstant evidenti illi l-kuntratti l-ohra jew ma hasbux ghal klawsola arbitrali jew inserew klawsola arbitrali fakoltattiva. Il-kumpannija attrici ressqet istanza wahda ghall-pendenzi kollha li kellha mal-kumpannija konvenuta naxxenti mill-kuntratti in kwistjoni sad-data tal-presentata tar-rikors guramentat.

Tinsorgi l-kwistjoni jekk bl-ewwel eccezzjoni tistax il-kumpannija konvenuta tinvoka favur taghha klawsola arbitrali mandatorja sabiex tittenta teskludi l-gurisdizzjoni ta` din il-qorti fuq l-istanza kollha meta rrizulta li l-klawsola arbitrali mandatorja kienet inserita biss f`wiehed biss mill-kuntratti li fuqhom hija fondata l-azzjoni attrici u fejn l-

ammont reklamat mill-kumpannija attrici abbazi tal-kuntratt fejn hemm il-klawsola arbitrali mandatorja jifforma biss 1.33% mill-quantum tat-talba shiha tal-kumpannija attrici ?

Din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni illi l-kumpannija konvenuta ma tistax tirnexxi fit-tentattiv taghha. In linea ta` principju, biex ma jkunx hemm duplicita` ta` smigh ta` xhieda u ta` produzzjoni ta` provi ohra, kwistjoni bejn l-istess partijiet, anke jekk forsi tolqot kuntratti differenti bejniethom, li pero` jkollhom l-istess *common denominator* ma ghandhiex tigi spezzettata biex tinstema` minn diversi tribunali. Hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili li ghandha gurisdizzjoni generali li tisma` kull tilwima li tinqala` bejn diversi persuni [Art.32(1) tal-Kap 12] u sakemm din il-gurisdizzjoni ma titnehhix b'ligi *ad hoc* jew bi ftehim car u preciz, hija ghandha tisma` l-kwistjoni mressqa ghall-konsiderazzjoni taghha fil-komplessita` kollha taghha. Fil-kaz tal-lum, anke ghar-ragunijiet premessi, l-Art 742(3) tal-Kap 12 isahhah il-fehma ta` din il-Qorti li ghandha tkun hi li tisma` u tiddeciedi l-kwistjoni bejn il-partijiet, anke fil-kuntest tal-klawsola arbitrali mandatorja. Anke ghaliex ma tarax li *"piecemeal litigation"* hija favorevoli ghall-partijiet u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari, spejjez ghall-kumpannija konvenuta, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------